## Tagħrif ta' interess

### Tradizzjonijiet, inċidenti u fatti miġbura li ġraw fil-Karnival

**Fl-ewwel Karnival li sar mill-Kavallieri fl-1535** — Il-Gran Mastru Jean Parisot de la Vallette ħalla l-maskri jiġu milbusa. Il-kavallieri fix-xalar tagħhom qabżu mhux ftit il-limiti ta' dekor fil-festi karnivaleski speċjalment fuq ix-xwieni fil-port u l-Gran Mastru, ta' ordni biex ma jintlibsux maskri għall-kumplament tas-sena. La Vallette kien inkwitat dwar in-numru eżaġerat bil-maskri fuq ix-xwieni fil-Port il-Kbir.

**Fl-1639 Gran Mastru Lascaris** — Ordna sabiex in-nisa ma jilbsux maskri. Min jinqabad jiġi msawwat bil-frosta fil-pubbliku. Ma tantx kien popolari mal-poplu. Lascaris kien influwenzat mill-Qassisin Ġiżwiti li kienu l-konfessuri tiegħu. Qamu protesti u anke ġlied ribelluż u l-kulleġġ tal-Ġiżwiti ġie assedjat. Huma ġew mitluba jħallu Malta sakemm l-affarijiet jikkalmaw.
U llum ngħidu 'Wiċċ Laskri' — espressjoni ta' wieħed nervuż u bi dwejjaq.

**Fl-1721 il-Gran Mastru Zondadari** — Introduċa l-Kukkanja fil-Karnival, drawwa li ssir b'mod limitat f'dan iż-żmien. Arbli faċċata tal-Palazz fil-Belt u slielem tal-ħbula magħqudin. Idendlu basktijiet bil-bajd, frott, zalzett u laħam immellaħ, flimkien ma' girlanda ta' lariġ u annimali ħajjin. Fuq nett ikun hemm globu bl-arma tal-Gran Mastru u ħamiem abjad itir u jekk jintlaħaq il-globu u jinfetaħ, kien hemm rebħ ta' flus ukoll.

### Drawwit antiki:

**F'Bormla** - Taħt il-Kunvent tas-sorijiet ta' Santa Margerita, fil-ġabbara taż-żibel kienu jħallu bramel, banjijiet u l-awrinarji mormija. It-tfal kienu jorbtuhom b'ħabel u jkaxkruhom mat-toroq tal-Belt.

**Briju** - Nies magħrufa li jivvintaw kull sena xi ħaġa differenti sabiex idaħħku n-nies. Raġel oħxon goff liebes ta' tarbija f'*pushchair* u ieħor liebes ta' infermier. Ieħor b'ferita kbira f'wiċċu bid-demm nieżel frisk, kulħadd jgħidlu jmur għand it-tabib u huwa jibqa' fil-kantuniera u ma jgħidx kelma waħda.

**Ballijiet** - Mill-Milied jibdew imorru klassijiet taż-żfin ħa jiżfnu fit-tlett ijiem tal-Karnival. Maltin jattendu għall-Veljuni tal-Karnival [kartelluni] fil-Belt ukoll. Kull ballu jkollu orkestra kbira. Teatru Rjal isir Ballu tas-servizzi Ingliżi, li kien jiġbed in-nies biex jaraw lill-uffiċjali u kapijiet deħlin b'kostumi lussużi, oriġinali u novattivi.

**Funeral** - Ftit qabel nofsillejl fl-aħħar ġurnata tal-karnival jibda funeral. Raġel wiċċu abjad f'tebut għaddej mat-toroq, nies b'fanali b'xemgħa mixgħula u daqq ta' marċi funebri minn xi *jazz band* li fil-jiem ta' qabel tkun daqqet fil-ballijiet tal-Karnival. Ma' nofsillejl jgħattu t-tebut u tinstema' l-għajta, 'Għada ġej...għada ġej...Randan u Sawm'.

**Karnival fil-Port fuq il-baħar - Marzu 1901** – Id-Duka u d-Dukessa ta' *York/Cornwall* (li wara saru r-Re George u r-Reġina Maria) fi triqthom lejn l-Awstralja, ġew Malta u saru ċelebrazzjonijiet fil-Port ta' Malta. F'*Somerset Dock* inġabru karrijiet mibnija fuq braken kemm minn Maltin tad-*Dockyard* u mastrudaxxi ta' intrapriżi u barranin mill-ekwipaġġi ta' vapuri li kienu Malta bħall-*HMS Canopus, HMS Royal Oak* u *l-HMS Illustrious*. Ġie armat b'dawl speċjali, spettaklu bl-ilma u logħob tan-nar.

**Fl-1920** - Inħatar l-ewwel Kumitat tal-Karnival u ħareġ konkorsi bi premjijiet u ħadu sehem: Karrijiet Trijonfali, Karrijiet bil-Fjuri, Kostumi, Żfin oriġinali, Karrijiet Dekorattivi, Karozzini u Karettuni.

**Is-Satira** - Permezz ta' Maskeruni u Karrijiet (karru kaxxa patrijottiċi) kienu popolari bejn l-1922-1929. Fl-1936 is-Satira ġiet imwaqqfa bil-liġi u reġgħat bdiet fil-Karnival 2014.

**Fl-1895** – Ħarġet liġi kontra tfigħ tal-ilma fuq in-nies.

**Fl-1864** – Ingħatat ordni sabiex ma jitwaddbux affarijiet lejn nies u ma jintlibsux maskri wara nżul ix-xemx.

**Bejn 1971 – 1987** – Il-Karnival sar f'Mejju.

**Fis-seklu 19** – Il-Karmelitani tal-Imdina kienu jżidu r-ravjul fl-ikla. Il-ħabsin kienu jingħataw xi biċċa majjal mal-ħobż u soppa. Naturalment għall-kavallieri dundjani u bċieċen.

**Karnival 1939-1945** – Kien hemm aktar spontanjetà. Kulħadd kien jieħu sehem u jilbes xi ħaġa stramba li ddaħħak għandna il-frażi 'Kemm inti mqartas tajjeb'. Nisa – jużaw *lipstick* u rux.

**Ġewwa l-Isla** – Nisa bil-piġami u rġiel b'warrani falz għall-kummenti. Bosta għannejja spirtu pront; ħafna użu ta' lożor bojod u lbies ta' xjaten. F'*Mardi Gras* – Erwieħ bil-fanali jfittxu l-Karnival.

**Fl-1846** – Inqala' inċident serju bejn il-Maltin u l-Gvernatur Patrick Stuart. Stuart kien protestant reliġjuż ħafna u fis-sena 1846 ordna li fil-Ħadd tal-Karnival ħadd ma kien jista' jilbes maskra, li kien ifisser li f'dak il-jum ma kienx sejjer isir il-Karnival peress li n-nies kienu jilbsu l-maskri. Bħala protesta l-Maltin ma libsux maskri iżda daħlu l-Belt biż-żwiemel, bgħula, ħmir u annimali oħra libsin tal-Karnival. Grupp ta' żgħażagħ libsu ta' qassisin protestanti u bil-Bibbja f'idejhom bdew jippassiġġaw fil-Pjazza tal-Palazz u wara rħewla lejn il-Katidral Anglikan fi Triq San Pawl u bdew jagħmlu frattarija waqt li kienet għaddejja quddiesa tal-Protestanti. Filgħaxija grupp ieħor ta' żgħażagħ attakkaw il-banda militari li kienet dieħla l-Palazz u kissrulhom xi strumenti. Il-Gvernatur ra kollox mit-tieqa tal-Palazz u ordna lill-pulizija u s-suldati biex iferrxu l-folla. L-inċidenti spiċċaw b'wiċċ il-ġid għaliex kieku l-Maltin baqgħu jwebbsu rashom kien jinxtered id-demm. Wara dan l-inċident tal-karnival, il-Gvernatur Patrick Stuart ta r-riżenja tiegħu minn Gvernatur. Dan l-episodju fl-istorja ta' pajjiżna juri kemm il-Maltin jieħdu bis-serjetà l-Karnival.

**IL-VELJUNI -** Il-kavallieri introduċew il-Veljuni li kienu ballijiet tal-Karnival fejn nies ta' klassi għolja kienu jmorru libsin kostumi sbieħ li jqumu l-flus. Dawn kienu jsiru fit-Teatru Manoel. L-Ingliżi komplew din it-tradizzjoni u l-Gvernatur kien soltu tiegħu li jagħmel ballu tal-Karnival fit-Tnejn tal-Karnival. Bis-saħħa ta' dawn il-ballijiet reġgħet saret popolari ż-żifna folkloristika Maltija. Din kienet żifna antika li kważi kienet intesit, sakemm reġgħet saret fil-Veljun tal-1844 mill-mara tal-Gvernatur Stuart li kien uffiċjal tar-*Royal Malta Fencibles Regiment*. Dawn bdew jiżfnu l-Maltija u minn dakinhar saret drawwa li fil-Veljuni jiżfnu l-Maltija. Dan baqa' sejjer sal-ewwel gwerra għaliex id-drawwa spiċċat. Il-Veljuni baqgħu jsiru mhux mill-Gvernatur imma minn nies privati li kienu jorganizzawhom fit-Teatru Rjal. Dawn spiċċaw hekk kif bdiet it-Tieni Gwerra Dinjija.

**Meħuda minn *Drawwiet u Tradizzjonijiet Maltin* tal-Prof. Guido Lanfranco**

**R.P.D.**



